

- 2) Agepha Pharma s.r.o. u Apogepha Arzneimittel GmbH huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess, kif ukoll, kull waħda, nofs l-ispejjeż tal-uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 10, 13.1.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Diċembru 2020 – Tikal Marine Systems vs EUIPO – Ultra Safety Systems (Tikal Tef-Gel)**

**(Kawża T-185/20) (<sup>1</sup>)**

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2021/C 35/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Tikal Marine Systems GmbH (Norderstedt, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Mahnkopf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Sipos u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ultra Safety Systems Inc. (Mangonia Park, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Eckhardt, A. von Mühlendahl u P. Böhner, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Jannar 2020 (Każ R 2500/2018-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ultra Safety Systems u Tikal Marine Systems

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Tikal Marine Systems GmbH u Ultra Safety Systems Inc. huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll, kull waħda minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 191, 8.6.2020

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Diċembru 2020 – Tikal Marine Systems vs EUIPO – Ultra Safety Systems (Ultra Tef-Gel)**

**(Kawża T-192/20) (<sup>1</sup>)**

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2021/C 35/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorreni: Tikal Marine Systems GmbH (Norderstedt, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Mahnkopf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Sipos u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ultra Safety Systems Inc. (Mangonia Park, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: C. Eckhardt, A. von Mühlendahl u P. Böhrner, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Jannar 2020 (Każ R 2499/2018-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Ultra Safety Systems u Tikal Marine Systems.

### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Tikal Marine Systems GmbH u Ultra Safety Systems Inc. huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll, kull waħda minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 191, 8.6.2020

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2020 – Asian Gear vs EUIPO – Multimox (Roller)

(Kawża T-685/20)

(2021/C 35/69)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Asian Gear BV (Pijnacker, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: B. Gravendeel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Multimox Holding BV (Rijen, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn Komunitarju Nru 607 155-0002

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 1042/2018-3

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla jew tibdel id-deċiżjoni kkontestata sabiex id-disinn Komunitarju Nru 607 155-0002 jiġi ddikjarat invalidu; sussidjarjament
- tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-30 ta' April 2018 u tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-proċeduri.